Kunsill Lokali Fontana

Minuti laqgħa 12 tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2014 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'6.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | | |
|---|---|---|
| | Saviour Borg | Sindku |
| | Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Horace Micallef | Kunsillier |
| | Victor Cefai | Viċi-Sindku |
| | Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| | Cherise Cutajar | Ambaxxatur |
| Skużat: | Mario Mercieca | Kunsillier |

1. **Talba**

Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 11, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**

- Attendenza ta' Victor Cefai għal-laqgħat tal-Kunsill - Is-Sindku talab biex jiġi ċċarat il-punt taż-żmien ta' meta ġie skużat Victor Cefai fuq kawża ta' mard,għar-raġuni li l-mard beda jissemma mill-Viċi Sindku minn Ottubru l'hawn. Il-kunsill qabel li f'Lulju kien skużat minħabba raġunijiet familjari, f'Awwissu minħabba safar, f'Settembru assenti, f'Ottubru attenda għal laqgħa u f'Novembru u f'Diċembru skużat minħabba mard. Horace qal li x-xogħol tal-Kunsill huwa li jaħdem għal ġid tar-residenti u mhux jinħela l-ħin fuq dawn l-affarijiet. Huwa kompla jgħid li kien l-ewwel wieħed li ta l-appoġġ kollu tiegħu lil Victor u saħaq li l-post tiegħu ma jiġix dekjarat vakanti. Il-Kunsill qabel li l-ħlas tal-*allowance* għandha tinħadem fuq id-drabi li kien hemm attendenza u kien skużat.
- Laqgħa tas-Sindki nhar l-21 u 22 ta' Marzu – il-Viċi Sindku se jattendi fiż-żewġ ġranet u s-Sindku se jattendi s-Sibt.
- Kompetizzjoni bejn il-Kunsilli biex jagħmlu xogħolijiet fil-lokalità li jżidu l-aċċessibilità maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva.
- Id-Deputat Kummissarju Raymond Zammit jixtieq jiltaqa' mas-Sindki tal-Kunsilli Lokali t'Għawdex biex tiġi diskussa t-tema tas-Sigurta fil-Komunità. Is-Sindku ser jattendi.



S. Borg

- Il-qari tal-*meter* tad-dawl tal-uffiċċju tal-kunsill immarka 4,018 *units*. L-Arms Ltd ġibdet l-attenzjoni li hu għoli ħafna u s-Sindku qal li ovvjament li hemm xi żball. Qed jinħela medja ta' 3 *units* kuljum.. Il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni mal-Arms Ltd biex issir spezzjoni tal-*meter*.
- Stedina għal-laqgħa mal-Kunsill mill-Kandidat Laburista għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew Mario Farrugia Borg biex jiġu diskussi xi punti. Il-kunsill qabel li ssir din il-laqgħa.
- Ġie mwaħħal l-apparat tal-*gym* fil-Playingfield nhar it-18 ta' Frar.
- Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar il-gwardjani lokali fejn dan il-kumitat ġie xolt u l-fondi ser jitqassmu bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin. Wara attenda wkoll għal-laqgħa tal-Kumitat Reġjonali t'Għawdex.
- Korrispondenza mid-DLG fejn informaw lill-Kunsill li ingħatat estenzjoni biex isir ir-restawr tan-niċċa sal-aħħar ta' Ġunju 2014.
- Is-Sur Joe Grech mill-uffiċċju elettorali talab lis-Sindku biex jgħaddi waqt il-laqgħa tal-Kunsill biex tinkera is-sala tal-komunità nhar l-24 ta' Mejju għal-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew. Il-Kunsill qabel.
- Is-Sindku qal lill-preżenti li l-accountant tal-Kunsill analizzat il-*petty cash* tas-sena 2012 u ikkonkludiet li l-€100 intilfu fi Frar 2012 iżda ma sabitx x'sar minnhom dawn il-flus.
- Is-sindku irrapporta diversi drabi lill-Green MT biex jitbattlu l-bins tal-Bring In Sites għaliex kienu mimlijin u titnaddaf iż-żona tal-madwar. Hu kompla jgħid li dawn tbattlu u tnaddfu dalgħodu. Horace issuġerixxa li teħel tabella biex ma jintremix żibel mal-Bring In Sites. Victor issuġerixxa li tiġi nstallata *camera* iżda il-Kunsill qabel wara diskussjoni li għalissa tiġi mwaħħlal tabella biss.
- Is-Se preżentat ir-rapport tekniku li ġie ppreparat rigward l-*equipment* li m' għadux jaħdem . Il-Kunsill qabel li dawn jiġu *written off* fl-accounts tal-Kunsill u jintremew fic-Civic Amenity Site.
- Is-Sindku qal li nxtraw ix-xemgħa biex jintużaw fin-niċċa tas-Salvatur u biex jinxtraw pjanti ta' Stella Maris għal ħdejn il-*Bring in Site*. Il-kunsill qabel.
- Ġiet imwieġba mis-Sindku l-"State of Heritage Report" kif ukoll ir-rapport dwar il-ħidma tal-ambaxxatur taż-żgħażagħ.

## 4. Approvazzjoni tal-*Financial Statements*

- Il-Kunsill approva il-*Financial Statements* skont kif ippreparati mill-JCA Limited.

## 5. Diskussjoni tal-post tal-*hawkers* fil-Festa.

- Is-sindku qed jissuġerixxi li l-postijiet tal-*hawkers* mill-'A sa D' jersqu 'l fuq mill-Knisja fi Triq il-Għajn quddiem id-djar vojta'l fuq min-niċċa tas-Salvatur jew quddiem id-dar vojta ta' Mons Ġużeppi Borg Attard. Minħabba din it-triq hija dejqa sar qbil li isiru 'l fuq min-niċċa tas-Salvatur, peress li fit-telgħa 'l isfel mill-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

knisja jkun hemm in-nar tal-art u wara l-knisja mhux prattiku. Il-kunsill qabel.. Il-preżenti qabblu ma dan u qabdu lis-SE biex tinforma b'dan lill-*hawkers*.

6. **Għoti tal-offerti**

Offerta għal-provista ta' *safety carpets* – ir-rapport tal-Perit Gordon Vella qed jissuġerixxi li din tingħata lil-irħas offerent, dik ta' Mallia peress li d-dokument huwa *technical compliant*. Il-Kunsill qabel ma dan.

Offerta għal-*online steaming* tal-laqgħat tal-Kunsill – ma kien hemm l-ebda applikant u l-Kunsill qabel li din is-sejħa terġa toħroġ.

7. **Fondi Eko Gozo – Tindif tal-Wied tax-Xlendi**

Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Eko Għawdex fejn informa lill-Kunsill li qed jestendi ż-żmien biex jiġu utiliżżati l-fondi pendenti disponibbli għal-Kunsill taħt l-iskema ta' Eko Għawdex. Il-Kunsill kien applika biex isir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi (dik il-parti li hija fil-konfini tal-Fontana. Dawn il-fondi iridu jiġu utliżżati sal-15 ta' Settembru 2014. Is-Sindku diġà informa lil-Perit John Saliba darbtejn , biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders tat-tindif u l-*monitoring* dwar il-qabru tal-ilma ħelu iżda s'issa ma rċivejna xejn. Il-kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-Perit Saliba.

8. **Ilmenti/Suġġerimenti**

- Suġġeriment biex meta jiġu msewwiha t-toroq jintuża tarmak tajjeb fit-Triq il-Għajn u jsir bil-qatran. Is-Sindku qal li qed jkun hemm ħafna trab li qed jaffetwa is-saħħa tar-residenti.Tinbagħat *email* lis-Sur Lorry Apap u lid-Direttur Portelli.

9. **Bidu ta' proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-SE informat lill-membri tal-Kunsill li nhar it-28 ta' Jannar 2014 deher fuq il-Gazzetta tal-Gvern l-avviż tas-sejħa għal-SE fejn l-applikanti riedu japplikaw sat-12 ta' Frar, 2014. Applikaw 7 persuni, li minnhom kien hemm 3 li kienu eliġibbli. Is-SE qalet li baqgħet ma rċivietx risposta mid-Dipartiment rigward il-mistoqsija tas-Sindku li jekk għandux kunflitt t'interess peress li kien hemm waħda mill-applikanti li kienet kandidata għal-elezzjoni tal-Kunsill tal-Fontana fl-2005 u fl-2008 mal- istess partit li ikkontesta hu. Għalhekk, il-proċess tal-għażla kellu jiġi tterminat. Is-Sindku informa li huwa m'hux se jerġa jkun parti mill-bord tal-għażla u anke l-kunsillier Carmel Farruġa talab li ma jibqax membru .Il- kunsill qabel li jinħatru membri ġodda.. Il-Kunsill qabbad lis-SE terġa toħroġ is-sejħa għas-SE. Hija informat lill-preżenti li se titlob permess mid-Dipartiment biex din is-sejħa toħroġ wara April peress li issa ġej iż-żmien tal-awditjar.

10. **Approvazzjoni tal-kontijiet**



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

S. Boz

Ġew approvati l-kontijiet.

## 11. Materji Oħra

Sindku

- Hemm bżonn li terġa tinġibed l-attenzjoni biex jinzebgħu s-sinjali tat-toroq fit-Triq il-Ghajn mill-għejjun sal-knisja Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lid-Direttur Portelli biex isiru dawn. Horace qal li huwa kellem lill-Perit Anglu fil-MGOŻ u malli tkun lesta l-pjanta dawn għandhom jinżebgħu minnufh.
- Il-Kunsill irċieva stedina mill-Isqof Mario Grech biex jiltaqa' mal-Kunsill nhar is-27 ta' Marzu fis-7pm fis-Sala tal-Komunità bħala parti miż-żjara pastorali.
- Suġġeriment biex fit-Triq il-Qalb ta' Ġesu isiru ż-żewġ naħat parkeġġ bl-arloġġ. Horace Micallef qal li preżentament dawn l-iskemi huma mwaqqfa minn TM.
- Ippropona biex is-servizz tal-ġbir ta' skart domestiku jibda mid-9am u l-Ħamis ma ssirx ġabra kif hemm fid-dokument il-ġdid tal-offerti li qed jevalwa il-kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan u qabbad lis-SE biex toħroġ avviz lir-residenti biex jibda jsir hekk mill-bidu ta' Marzu.
- Saret il-laqgħa tal-lokalità u attendiet persuna waħda.
- Hemm bżonn li ssir il-manutenzjoni tal-porfido ta' Trejqet ir-Razzett. Il-kunsill qabel li jqabbad lil Tarcisjo Xerri.
- Dwar ir-rikors fil-Qorti dwar il-kawża bejn is-Sur Anthony Cassar u l-Kummisarju tal-artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn se tiġi ppreżentat għada fil-Qorti.

Viċi-Sindku

- Problema ta' sewqan esagerat fit-Triq il-Kappillan Hili fejn qal li reġa' kien hemm inċident tat-traffiku. Is-SE qalet li kkomunikat b'*e-mail* mal-*manager* minn TM u għandha tiġi organizzata laqgħa mal-perita ta' TM.
- Tabella tal-*one way* mgħawġa fit-Triq il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Kappillan Hili. Issir rapport lis-Sur Micheal Buhagiar fil-MGOZ.
- Tinżebaħ *reserved parking* għaliex m'għadiex tidher fit-Triq Kappillan Hili.

## 12. Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fl-8.06pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2014 fit-5.00pm.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555